# QORTI CIVILI – PRIM’AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Hamis, 15 ta’ Frar, 2001**

**Numru 6**

**Cit. Nru. 1/2000 GCD**

**Grima Printing and Publishing Limited**

**Vs**

**Pippo Abela, f’ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Commercial Advertising Services Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut proprio et nomine ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef, mitejn u tmintax-il lira Maltin (Lm3,218) bilanc mhux imhallas minn prezz ta’ xoghol ta’ stampar (Dok. “A”);

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellat, il-konvenut proprio et nomine baqa' inadempjenti; u

Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenut proprio et nomine m'ghandux eccezzjoni valida x'jaghti kontra din l-azzjoni;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lis-socjeta` attrici s-somma minnha dovuta ta' tlett elef, mitejn u tmintax-il lira Maltin (Lm3,218) bilanc mhux imhallas minn prezz ta' xoghol ta' stampar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-5 ta' Awissu 1998 u bl-imghaxijiet legali mid-data li sar is-servizz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Godfrey Grima u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuti baqghu ma dehrux.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm